MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Numru 302/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Vella talli fl-20 ta’ Marzu 2002 ghall-habta tal-5.00pm ippermetta lil Brian Azzopardi ID 14985 G isuq il-vettura nru. JAZ558 f’ismu registrata fi Triq l-Imgarr, Rabat Ghawdex
(1) minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita tat-Trasport ta’ Malta, u
(2) minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni rigward ir-riskji tat-terzi persuni.

L-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra milli taghti l-piena skond il-ligi tissospendi l-licenzji tas-sewqan ta’ Carmel Vella ghall-periodu ta’ zmien li l-qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil Carmel Vella hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tlett mitt lira (Lm300) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Carmel Vella, minnu ppresentat fis-27 ta’ Novembru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Jannar, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu li parti mis-sentenza hija nulla peress li l-ewwel qorti erroneament indikat, fis-sentenza taghha, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, mentri l-ewwel l-imputazzjoni kjarament tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 15(1)(b). It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li ma kienx hemm provi sufficjenti li a bazi taghhom l-ewwel qorti seghet legalment u ragjonevolment issibu hati taz-zewg imputazzjonijiet u dan peress li Brian Azzopardi kien effettivament ha l-vettura in kwistjoni ad insaputa tieghu (cioe` ta’ l-istess appellant). It-tielet aggravju, li huwa migjub bla pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, jirrigwarda l-piena.

Din il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz ghandha tikkunsidra mill-ewwel it-tieni aggravju. L-Artikolu 15(1)(b) tal-Kap. 65 jipprovdi li *“Kull min…<u>igieghel</u>, <u>ihalli</u> jew <u>jippermetti</u> li l-* motor-car *jew vettura ohra tieghu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-licenzja mehtiega biex issuq* motor-car *jew vettura ohra ikun hati ta’ reat…”*. L-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104, imbghad, jipprovdi li *“…hadd ma jista’ juza jew <u>igieghel</u> jew <u>ihalli</u> lil persuna ohra tuza vettura tal-mutur fit-toroq kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza*

*ta' sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni…"*. Hu evidenti li l-ligi hawn mhix tikkontempla s-sitwazzjoni ta' fejn persuna taqbad u tiehu vettura kompletament ad insaputa ta' sidha – is-sid irid ikun jew gieghel, jew halla jew ippermetta lil dik il-persuna li ssuq dik il-vettura. S'intendi hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova, sal-rikjest mill-ligi f'kawzi penali, dana n-nuqqas tas-sid.

Issa, mill-provi ma hemmx dubbju li l-vettura in kwistjoni kienet issejjah lill-appellant (huwa rrelevanti l-fatt li l-vettura setghet kienet tal-kumpanija u mhux tieghu personali). Anqas hemm dubbju li Azzopardi kien qed isuq din il-vettura fid-data u fil-hin indikati fl-imputazzjoni, u li dan kien taht l-eta` u allura la kellu licenzja tas-sewqan u wisq anqas kien kopert bid-debita polza ta' assigurazzjoni. Pero` mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni b'ebda mod ma jista' jinghad li gie ippruvat li l-appellant "gieghel", "halla" jew "ippermetta" lil Azzopardi li jsuq il-vettura in kwistjoni. Jinghad mill-ewwel li l-prosekuzzjoni naqset milli ttella' bhala xhud il-persuna li l-aktar li setghet tghid verament kif giet il-vettura f'idejha – jigifieri lil Brian Azzopardi – jew persuni li kienu mieghu fuq il-lant tax-xoghol meta dana qabad u beda jsuq il-vettura. L-unici provi tal-prosekuzzjoni huma z-zewg pulizija li waqqfu lil Azzopardi (apparti reppresentant mill-ufficcju tal-licenzji biex jixhed dwar jekk dan Azzopardi kellux licenzja tas-sewqan). Is-Surgent 1450 Mario Rotin jghid li wara li hu u xi pulizija ohra waqqfu lil Azzopardi, qalulu biex icempel lil sid il-vettura. Azzopardi hekk ghamel u l-appellant gie fuq il-post fejn kien twaqqaf l-imsemmi Azzopardi. Il-parti relavanti tad-deposizzjoni ta' dan is-Surgent hija s-segwenti:

**Dana Vella qalli li huma kienu fuq il-lant tax-xoghol pero` dan is-sewwieq, Brian Azzopardi, kien xeba' fuq il-post tax-xoghol u qabad u telaq billi ha din il-vettura.**

**Jien ghidtlu li ma messux hallieh jitlaq bil-vettura u ghidtlu li kont ser inharrku talli kien ippermetta xufier isuq il-vettura minghajr licenzja.**

**Ir-risposta ta’ Vella kienet dejjem li dan is-sewwieq kien xaba’ fuq il-post tax-xoghol u qabad u telaq.**

**Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-fatt Vella qallix jekk huwa setax jew ma setax izomm lil dan is-sewwieq milli jiehu l-vettura, jien nghid li jiena ma bqajtx napprofondixxi b’mistoqsijiet ulterjuri ma’ Carmel Vella, allura ma nistax naghti twegiba ghall-mistoqsija tal-Qorti.**

Ma huwiex car minn din id-deposizzjoni ghal min qieghed jirreferi dan is-Surgent bil-pronom “huma” fl-espressjoni “huma kienu fuq il-lant tax-xoghol”. Il-Kuntistabbli 1397 Paul Xerri – li lil Vella ma kellmux izda kellem lil Azzopardi – jghid li meta waqqaf lil dan Azzopardi u staqsih ghall-licenzja tas-sewqan, dan wiegbu li ma kellux licenzja *“…u qalilna wkoll li tahielu [l-vettura] l-*owner *li kien jahdem mieghu li llum irrizulta li hu Carmel Vella.”* Hu evidenti li hawn qeghdin fil-kamp tal-*hearsay evidence*, fis-sens li dak li Xerri jghid li qallu Azzopardi jista’ jammonta ghal prova <u>ta’ dak li qal Azzopardi</u> izda <u>ma jistax jammonta ghal prova ta’ dak li seta ghamel jew li seta naqas milli jaghmel (jew li seta’ qal) l-appellant fil-konfront ta’ l-istess Azzopardi</u>. Biex issir tali prova kellu jingieb jixhed Azzopardi, li, kif inghad, il-prosekuzzjoni ghazlet li ma tipproducihx bhala xhud. Il-Qorti tfakkar fil-formulazzjoni klassika ta’ x’jammonta ghall-*hearsay evidence* moghtija mill-Privy Council fil-kaz ***Subramaniam v. Public Prosecutor*** [1956] 1 WLR 965 (P.C.) a fol. 969:

***Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made.***

Anke jekk wiehed kellu, ghall-grazzja ta’ l-argument, jiskarta d-deposizzjoni ta’ l-appellant, a bazi tad-deposizzjonijiet ta’ dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija l-

ewwel qorti (dejjem assumendo li kellha quddiemha l-istess provi ezatt li kellha quddiemha din il-Qorti, jigifieri il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) ma setghetx ragjonevolment issib lill-appellant, allura imputat, hati skond iz-zewg imputazzjonijiet. Di piu`, l-appellant xehed li hu anqas kien fuq il-lant tax-xoghol meta ttiehdet il-vettura – hu kien fl-ufficju tal-kumpanija dak il-hin – u Ii responsabbli minn-nies fuq il-lant tax-xoghol, u allura responsabbli anke minn Azzopardi, kien huh Frans Vella.

Kollox ma kollox din il-Qorti tara li l-appell jimmerita li jintlaqa'. Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant Carmel Vella mill-kull imputazzjoni, htija w piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------